**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Kump. Nru: 86/19**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**vs**

**CHRISTIAN BONELLO**
**ID: 110985M**

**Illum, 8 ta' Frar 2019**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **CHRISTIAN BONELLO**, detentur tal-karta tal-identita` numru 110985(M) tressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-4 ta' Frar 2019 ghal habta ta' bejn 01:40 hrs u 02:05 hrs gewwa Triq Mater Boni Consilii, il-Fgura, Malta ikkommetta serq ta' fuel ghal ammont ta' €70 minn vettura bin-numru tar- registrazjoni ABT049 kif ukoll pjanca ta' numru tar- registrazjoni ABT049 mill-istess vettura, liema serq hu kkwalifikat, bil-mezz, bil-ħin, bix-xorta tal-ħaġa misruqa, liema serq sar għad-dannu ta' Ronald Attard, Joseph Buhagiar, B4 Textiles Co Ltd u Transport Malta u/jew ta' xi persuni/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Fl-istess data hin lok u cirkostanzi f' Malta u f'dawn il-gzejjer naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal- Magistrati (Malta) Magistrat Dr. Claire Stafrace Zammit LLD fid-digriet taghha tal-31 ta' Lulju 2018 li bih tat il-helsien mill-arrest.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena skond il-ligi, tordna r-revoka tad-digrieti li bihom Christian Bonello inghata l-beneficcju tal-helsien mill-arrest u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi mputat kif ukoll tordna li s-sommom bhala depoziti u garanziji personali, jghaddu favur il-Gvern ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija titratta lill-imputat bhala li sar recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta liema sentenzi kienu moghtija lil Christian Bonello u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali moghti fit-8 ta' Frar 2019, sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja[1];

Rat illi waqt l-ezami tieghu, fl-udjenza tat-8 ta' Frar 2019, l-imputat fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu, wiegeb li huwa hati tal-akkuza kollha migjuba kontrih.

Rat illi din l-ammissjoni giet ikkonfermata mill-imputat wara illi (i) il-Qorti wissietu bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu; (ii) il-Qorti sospendiet il-prezentata biex l-imputat jinghata hin biex jirrifletti dwar id-dikjarazzjoni tal-htija u jikkonsulta mal-avukat difensur tieghu; (iii) l-imputat iddikjara li huwa nghata bizzejjed hin biex jikkontempla d-

[1] Dok. HC2.

dikjarazzjoni tieghu ta' htija; u (ii) il-Qorti fehmitu, u tinsab konvinta li l-imputat fehem, l-imputazzjonijiet kollha li jinsab mixli bihom u l-piena erogabbli.

Rat l-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiza dwar il-piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi l-imputat waqt il-prezentata, ammetta ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant, in vista ta' din l-ammissjoni li saret fil-presenza tal-avukat difensur tieghu u wara li qieset li hija sodisfatta li l-imputat fehem l-import tal-imputazzjonijiet u l-piena li jgibu maghhom, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tal-imputata gew debitament ippruvati u illi b'hekk l-imputat ghandu jinsab hati tal-istess akkuzi.

**L-Akkuzi**

L-ewwel akkuza addebitata lill-imputat u li taghha ammetta li huwa hati, hija dik tar-reat ta' serq aggravat (bil-mezz, hin, u xorta tal-haga misruqa).

L-imputat ammetta wkoll ghat-tieni akkuza li naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu minn din il-Qorti diversament preseduta b'digriet tal-31 ta' Lulju 2018 li bih inghata l-helsien mill-arrest.

Bl-ammissjoni tieghu stess, l-imputat ghandu jitqies ukoll li huwa recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Kwantu ghall-piena, oltre ghal dak sottomess mill-Prosekuzzjoni u d-difiza, il-Qorti tqis li ghandha tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom in-natura tar-reat li qed jinsab hati taghhom l-imputat u l-fedina penali tieghu, li hija wahda oneruza ferm meta wiehed jikkunsidra illi l-imputat diga` nstab hati diversi drabi ta' serq aggravate, fost reati ohra, u diga` skonta iktar minn darba, pieni karcerarji ghal serq, l-ahhar wahda ghal terminu ta' tliet snin skont sentenza moghtija fit-30 ta' Ottubru 2014.

Huwa evidenti, anke mehud qies tat-tieni imputazzjoni li taghha wkoll qed jinstab hati fuq ammissjoni tieghu stess, illi l-imputat, wara karriera pjuttost twila fil-hajja kriminali ma gharafx jirriforma ruhu. Lanqas wera li kien kapaci li joqghod 'il boghod mill-kriminalita` waqt il-perijodu li fih kien mehlus mill-arrest preventiv, *multo magis* meta dan il-helsien mill-arrest inghatalu appuntu bil-kundizzjoni li *inter alia*, ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja.

Kwantu ghar-reat kontemplat taht l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9, m'hemmx dubju li l-Qorti ghandha idejha marbutin dwar il-konsegwenzi tas-sejbien ta' htija ghal dan ir-reat, kwantu illi l-konfiska tad-depozitu u tal-ammont tal-garanzija personali stabbiliti fil-helsien mill-arrest taht garanzija, hija tassattiva skont l-istess Artikolu 579(2). Billi wkoll il-Qorti tqis illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet tal-ghoti tal-helsien mill-arrest, ossia l-kommissjoni ta' reat ta' serq, huwa wiehed serju, hija sejra tirrevoka wkoll il-helsien mill-arrest tal-imputat lilu moghti bid-digriet tal-31 ta' Lulju 2018, u tordna l-arrest tieghu mill-gdid.

Madanakollu, il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, il-valur negligibbli tal-oggetti misruqa u l-fatt illi ikko-opera bis-shih mal-Pulizija fl-investigazzjonijiet dwar dan il-kaz, skont kif jirrizulta mill-istqarrija tieghu (Dok. HC6) datata 7 ta' Frar 2019. F'dan l-isfond, ghalkemm ghandha tittratta lill-imputat bhala recidiv wara li ammetta wkoll ghar-raba' akkuza li sar recidiv ai termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma hijiex sejra tuza d-diskrezzjoni taghha biex izzid il-piena applikabbli b'grad.

Illi ai termini tal-Artikolu 28(7) tal-Kapitolu 9, il-Qorti hija prekluza, minhabba s-sejbien ta' htija tar-raba' akkuza tar-recidiva, milli tapplika d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Fi kliem iehor, il-Qorti ghandha idejha marbutin in kwantu ghax-xorta tal-piena li tista' teroga ghar-reati li taghhom l-imputat ammetta l-htija tieghu fit-termini tal-ewwel tliet akkuzi, u dan ukoll izda mhux limitatament, in vista tal-ammissjoni tieghu ghar-raba' imputazzjoni.

Fir-rigward tal-ewwel akkuza, l-inqas piena li tista' tigi erogata mehud qies tal-fatt illi s-serq huwa aggravat bil-mezz u zewg kwalifiki ohra, u l-fatt li l-piena ma tistax tinghata fil-*minimum* taghha, hija ta' prigunerija ghal sittax-il xahar. Kwantu ghat-tieni imputazzjoni, il-piena karcerarja, li hija l-iktar piena xierqa fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghandha tkun bejn erba' xhur u sentejn.

Ghaldaqstant, b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(b) tal-Kapitolu 9 in kwantu ghall-kalibrazzjoni tal-piena fil-kaz ta' konkorrenza ta' reati u ta' pieni, l-imputat ghandu jigi kkundannat ghall-piena tad-delitt l-iktar gravi, cioe` dak kontemplat fl-ewwel akkuza, biz-zieda ta' terz taz-zmien tal-piena ghad-delitt mertu tat-tieni akkuza. Dan ghandu jgib, fil-fehma tal-Qorti, piena ta' prigunerija ghal zmien komplessiv ta' ghoxrin xahar.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17(b), 20, 49, 50, 261(b)(f)(g), 263(a), 270, 271(g), 278(3), 289, 579(1), (2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li rat ukoll l-Artikolu 28A(7) tal-istess Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni l-Qorti qieghda ssib lil **CHRISTIAN BONELLO** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontrih u tikkundannah piena komplessiva ta' ghoxrin (20) xahar prigunerija effettiva, tordna wkoll il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tal-ammont ta' ghaxart elef u mitejn Euro (€10,200), ossia l-ammont stabbilit fid-digriet tal-helsien mill-arrest datat 31 ta' Lulju 2018, u tirrevoka l-beneficcju tal-helsien mill-arrest moghti lill-hati ai termini tal-imsemmi digriet u l-arrest mill-gdid tieghu.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**